# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 20 TA MEJJU, 1913. NRU. 65.


*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Ghamlu seŭŭa.

Krajna fil *Gazzetta di Malta* li, daŭn il ġranet, in-nies miġmughin f'*Cinematografu*, tas-Sliema, ghajjtu chemm felħu contra *Canzonettista* li kabdet tcanta bi cliem disunest; u, biex juru li dic il *Canzunetta* ma chellhiex tcun mghoddija mis-Sid ta dac iċ-*Cinematografu* jeŭ minn min ghandu id-dmir li jara kabel x'*Canzunetti* sejjrin jitcantaŭ, ħarġu il-barra. Ghamlu seŭŭa! U imissu isir hecc cull-imchien, ghax il *Canzunettisti*, bir-rieda jeŭ le ta Sjed iċ-*Cinematografi* u tar-*Reviżuri* taħħom, li aħna ma nafux min huma u inkas irridu nafu, ilhom jabbużaŭ, haŭn il Belt, tas-Sliema u bosta bnadi oħra.

Ghedna darb'oħra u narġghu intennuħ illum li staghġbu bîna saħansitra il barranin, ghalavolja Taljani bħall *Canzunettisti*, ghax bosta *Pelliculi* li jidhru fiċ-*Cinematografi* ta Malta u bosta *Canzunetti* li jinsemghu fuk it-teatrini ta li stess *Cinematografi* taghna, l'Italja ma ighaddux; u m'hemmx bżonn isemmghu leħinhom in-nies, chif fl'aħħar, ŭara tant abbużi, ġara tas-Sliema, ghax ir-*Reviżuri* li jaraŭhom u jisemghuhom kabel, ma iħalluhomx isiru.

Gharucaża! Il lakx tal bliet ta Barra, li jafu iżommu ir-riedni tajjeb f'idejhom, gej haŭn collu! U il ħsara li kieghda tiġri, mhux biss fl'erŭieħ, imma fil klub ucoll, Alla biss jista jaf chemm hi cbira!

Sabiħa il moghdija taż-żmien fiċ-*Cinematografu* u ħelŭin il *Canzunetti* ucoll, mita huma xierka u onesti: aħna katt ma ħlomna li ghandhom jitneħħeŭ, ghax il Poplu irid fejn ighaddi il lejla u bihom ighaddiha tajjeb u jonfok ftit. Bħalma daŭc li jistghu jonfku actar, imorru it-Teatri, dakka ghall *Mużica*, dakka ghall *Prosa* u dakka ghal xi divertimenti oħra cbar (issa chellna il Donnini, li gibed nies chemm felaħ), hecc ucoll daŭc li ma jistghux jeŭ ma iridux jonfku ħlief xi żeŭġ soldi jeŭ tlieta, ghandhom il jedd imorru jaraŭ iċ-*Cinematografu* u jisimghu il *Canzunetti*: jidhrilna li, mita nitħadtu hecc, ħadd ma jista ighid li aħna minn tal comma dejjka: imma il *Pelliculi* u il *Canzunetti* jaħtieġ icunu onesti, ghax inchella, f'lôc moghdija taż-żmien xierka, jisfaŭ *scôla tal ħażen.*

Fis-sala tal *Unjoni Cattolica,* fejn imorru bil ktajja nies ta cull bixla, mill'akŭa Cbarat sal iċċhen ħaddiema—nisa u irgiel—xjuħ u tfal—jaħdem ucoll iċ-*Cinematografu* u jitcantaŭ il *Canzunetti*: iżda min jista ighid li, ŭara is-siegha tad-divertiment, ma ħareġx minn hemm geŭŭa b'ruħu u b'kalbu sâfjin bħalma daħlu?... Tafu ghaliex?.... Ghax ir-*Reviżuri* tal *Unjoni Cattolica* jaraŭ kabel il *Pelliculi* b'rekka cbira u b'rekka cbira jakraŭ il *Canzunetti* li icollhom jitcantaŭ! Giè li, minn tnax il *Pellicula* li igibulhom ghall prova, ma ighaddux ŭaħda; u minn *Canzunetti* l'actar mexxejja, seŭŭa bit-Taljan u seŭŭa bil Malti, ineħħu imkar chelma li fil-bghid tista tiftiehem ħażin.

Aħna, dâri, conna natu ħtija linnies, ghax ŭieħed mis-Sjed taċ-*Cinematografi,* li ghemghimna mieghu fuk *Pellicula,* li chienet dehret ghandu, chien kalilna li, mita il fattijet ma icunux......*ħoxnin,* ma jaghmilx flus: imm'issa in-nies tchellmu, tchellmu ċar; u jidhrilna li min ma iridx jisma *Canzunetta maħmuġa,* inkas irid jara *Pellicula faħxija* jeŭ ta *scôla ħażina.*

Mela, ghamlu seŭŭa tas-Sliemā: u jecc jarġghu isiru l'abbużi, imissu jaghmel bħalhom cull-ħadd. Leħen tal Poplu, leħen t'Alla—ighid il Proverbju.

## ĦSIEBIJET FUK IL CUNGRESS.

Id-dinja collha taf x'ifisser il ferħ li fuk ŭiċċna deher f'dic il ġurnata, ġurnata tant ghażiża ghalina ghaliex fiha morna nuru l'imħabba lejn Gesù Cristu fl'Eŭcaristija. Ghalhecc il kalb taghna tista titkieghed ma genb cull kalb li fiha jinsab imchebbes in-nar tal imħabba t'Alla. U chif le? Mhux il barranin gholleŭna bit-tifħir taħħom kuddiem il ġnus collha tad-dinja, ghaliex bakghu mistaghġbin bil ħerka tal kalb taghna biex tcabbar il glorja ta Cristu? Li stess Papa presenti baghatilna il Cardinal Ferrata, biex, f'li stess ħin, unur lilna jaghmel, jissigilla dic il Fidi li chien żara f'Malta San Paŭl Missierna, b'sigill li katt ma jitneħħa. Aħna fil migja tal Cardinal f'Malta urejna li ghad ghandna fil kalb taghna dic l'imħabba li biha chienu lakghu lil San Paŭl missierijetna.

Is-sliem ghalic, o Malta, li, f'dac il jum, cbirt ŭisk kuddiem id-dinja. Ara l'imħabba u il ghożża li lejn il Fidi ghandhom uliedec. Kieghed fuk ir-ras tieghec il curuna tarrand li f'dac il jum giet tistħokkloc gharrebħa li inti gibt fuk l'eghdeŭŭa. Ghal dir-rebħa id-dinja collha kieghda tifraħlec u f'li stess ħin b'idejc tieħu b'sinjal ta ħbieberija. L'Eŭropa titcabbar ghaliex fiha tinsab Int. Mela, x'rebħa hi din tieghec? Forsi, xi ŭaħda mil cbar rebħiet li chienet taghmel Ruma, il Grecja u daŭc l'artijet li bakghu msemmijin f'li Storja tad-dinja? Le! Din tieghec m'hix rebħa temporali, ghaliex Int ma ħaddimtx is-sejf u xerridt id-demm bħalma ghamilt ma ulied Maŭmettu cull meta geŭ biex lilec taħt sakajhom ikieghdu F'lôc is-sejf inti ħadt f'idejc is-simblu tar-Religjon nisranija li hu is-salib imkaddes. F'lôc il porvli int chebbist l'incens li flimchien mal ħajr ll'Alla ta uliedec sas-sema tala u flimchien ma tal Anġli tħallat. It-tarca tieghec chienet li sfera b'Gesù Sagramentat. B'daŭn l'armi gheżież int iccumbattejt u ħriġt rebbieħa. Fuk min ħriġt rebbieħa? Fuk Lucifru u is-segŭaci tieghu li ghamlu minn collox biex il Fidi itellfulec; imma int urejthom li ħadd ma jista jifirdec mil Kalb imkaddsa ta Gesù. F'dac il jum int żidt paġna f'li Storja tieghec xejn ankas glorjusa minn dic li tinsab mictuba fl'*Atti Apostolici.*

Gesù Cristu sar bniedem bħalna; Hu ħà il meŭt ghalina; Hu ħallielna is-Sagrament tal imħabba. U dan collu ghall'imħabba taghna! Ghaldakshecc chif ghandha tcun imħabbitna lejħ? Dac li ħassejna f'dac il jum ghażiż fil kalb taghna jurina biċ-ċar chif tcun l'imħabba lejn Gesù. Aħna ma ghamilniex bħan-nies ta Babel li bneŭ torri ghôli biex fiħ jiscansaŭ mil killa tal Mulej,

li Dan icconfondihom, ghaliex ma bakghux jitchellmu bi lsien ŭieħed; imma aħna, ghal cuntrarju, ŭakkafna tron li fuku giè imkieghed Gesù Cristu fl'Eŭcaristija. Sejjaħna il ġnus tad-dinja kuddiemu, sabiex maħħom, fix-xejn taghna, Lilu naduraŭ u nitolbuħ ħniena. Ghad li ta diversi ilsna, imma b'vuci li tiftiehem cantajna inni ta ħajr ll'Alla.

Malta, f'daŭc il ġranet, saret bħall Betlem, ghaliex fiha geŭ Prinċpijet tal Art u tal Cnisja sabiex jaduraŭ lill Gesù Cristu taħt ix-xbiħa tal ħobż.

Imma Malta sebket lill Betlem fil Fidi taħħa, ghaliex Betlem ratu taħt is-sura ta Bniedem-Alla, u aħna bil ghajnejn tal Fidi emminna u stkarrejna li taħt ix-xbiħa tal ħobż jinsab Gesù Cristu in-nifsu. Kumu, o Berengarju u intom il-coll li ċħadtu il presenza reali ta Gesù Cristu fl'Eŭcaristija, ħalli tħarsu fuk din l'art u mistħija iġġarrbu meta taraŭ li kaŭŭietcom ma hi xejn ħdejn il Fidi ta Malta. (1)

*(Jissocta)* S. Mifsud.

TIFHIR U TALB

LILL

## SAN FLIPPU NERI (2)

Chif il gilju malli jiftaħ
Riħa ixerred bosta tfuħ
Kalb il ŭard sabiħ imżeŭŭak,
Li jcun hemm fil ġnien miżruħ;

Hecc ucoll Filippu Neri
Ġo Firenze il fŭiħa rema
Malli tŭieled, illi ghaxxket
Lil cullħadd: chienet tas-sema!

Minn żghuritu il ghâna makdar
Ta din l'art biex iħobb l'Alla:
Minnu tghallem chif ibati
Biex il genna jcun imtalla.

Biex il gismu seŭŭa jghacches
Ried iġarrab cull tbatija;
Ħsiebu u kalbu tahom ll'Alla
Bl'acbar Ħeġġa tal kdusija.

Lejn il fkir mil ghacs imŭaġġa
Ħniena cbira dejjem ŭera:
Ta cull tieba, ta cull satra
Chien Filippu l'isbaħ mera.

Missier chien minn ta ulied bosta
Li stħokkilhom cull tifħir;
Ghaliex chienu 'l ghaxka t'Alla,
Tal infern il biża cbir.

Id-draŭŭiet il ħżiena neħħa
Minn fuk bosta midinbin;
Bl'umiltà ghallem chif ghandna
Ll'Alla ncunu maghgjubin.

Malli scorra 't-tmenin sena,
Collu mimli bil kdusija.
Târ ghas-sema u lilna ħalla
Tal virtù l'isbaħ turija.

Sliem ghalic, ja cbir Filippu,
Minn fejn kieghed geŭŭa 'l genna;
Aghmel inti li ġurnata
Ruħna tigi hemm tithenna.

Giov. Sapiano Lanzon.

(1) Tħajjarna ngibu dan l'articlu biex il *Ħabib*, chif hu mdorri, jaghmel il kalb lil ġuvnott mil Campanja li, tiela mil fakar u mimli bil gênju, kieghed jitħarreġ issa fil ctib bil Malti u b'ilsna oħra.

(2) Ingibu bil kalb collha din il poeżija, chif talabna ŭieħed mid-devoti ta San Flippu: is-Sur Sapian ilu li chitibha sittax il sena, imma, bla xejn dubju, bakghet dejjem ŭaħda mill'isbaħ poeżiji tieghu.

Id-Direzzjoni.

FRAC TAD-DEHEB.

Il ħabib, jecc tiżnu ma elfejn ġâr, il cheffa tieghu taghleb.

## Ittra ta Monsinjur Vigarju.

Mil Belt, fl'14 ta Mejju, 1913.

Maghruf Sur Direttur
tal *Ħabib*,

Issib haŭn geŭŭa *Avviż Sagru*, li nitolboc ixxandar fil ġurnal tieghec il *Ħabib*, ġurnal li ma *jistax icun aħjar u imxerred iżjed* (ottimo e diffusissimo periodico), biex il Poplu icollu l'aħbar ta dan l'*Avviż* u jinġabar b'ghadd cbir ghas-smiħ tal priedchi fuk li Mkaddsa Eŭcaristija.

Barra minn dan, nibghatlec côpja ta ittra li gietni minn Milan, fuk il Cungress taghna, biex inti taghmel biha dac li joghġboc.

Niżżic-ħajr ta dan il favur: u, fil-ŭakt li natic il kima tieghi,

nghodd-ruħi fl'isem t'Alla
collni tieghec
Ŭigi Canôncu Teôlgu Attard
*Vigarju General.*

***

AVVIŻ SAGRU.

Nhar il gimgha, is-sibt u il ħadd—23, 24 u 25 ta Mejju li aħna fiħ—fil Cnisja tal Catidral, chif ucoll f'dic ta San Ġŭann, ŭara il ghasar, f'xi 'l ħamsa ta fil ghaxija, isiru il Priedchi li geŭ ordnati minn Monsinjur Arci-Iskof is-sena l'oħra u li jibkghu isiru cull sena ghal-dejjem, bħalma ŭira xeŭka il Papa, biex ikanklu u icattru id-draŭŭa tajjba u imkaddsa tat-Tkarbin spiss.

Fil Parroċċi l'oħra tad-Djocesi, issir Priedca il ħadd biss.

Ŭara il priedca, tinghad cull jum it-*Talba* li giet stampata u imkassma: *Ghat-tixrid tat-Tkarbin ta cull jum.*

Nhar il ħadd fil ghodu, fil Catidral, *San Ġŭann* u il Parroċċi collha, issir Tkarbina Generali f'xi 's-sitta nieksin qŭart ta fil ghodu.

Il Catidral, jippriedcaŭ (bil Malti) ir-Reverendissimi Monsinjuri Canonici Dottur Orazzju Grima, Dottur Antonju Psaila u Dottur Antonju Vella; *San-Ġŭann* (bit-Taljan) ir-Reverendissimu Monsinjur Canonicu Dun Paŭl Gaŭci, il Patri Geżŭita Ŭigi Grech u ir-Reverendissimu Monsinjur Canonicu Dottur Manŭel Vassall.

***

«Cumitat Taljan tal Pellegrinaġġi Eŭcaristici.

«Milan, fis-7 ta Mejju, 1913,
mil Palazz tal Arci-Iskof.

«Illustrissimu Monsinjur Vigarju General ta Malta,

«Dan il Cumitat iħoss id-dmir li jiżżic-ħajr tal lakgha li ghamilt bil kalb lit-Taljani u lill Fergha taħħom fil ġranet tal Cungress Eŭcaristicu u ta chemm is-Sinjurija Tieghec Illustrissima dâret bihom u ghamlet sacrificci ghalihom, flimchien mal Eccellentissimu Monsinjur Arci-Iskof; chif ucoll jifraħ lill Cumitat ta Malta talli irnexxa *hecc cbir minn collox (grandioso ed imponente)* dac il Cungress, li tâna hena l'actar ghażiż u ħalla f'ruħna u f'kalbna tifchira li katt ma tintesa. Alla iħallsec tal gid cbir u tal esempju tajjeb li tajt lill Poplu tieghec u lil chemm, l'actar Taljani, chellhom il faraġ li jaraŭ it-trijonfi Eŭcaristici u id-dehra ta Fidi u Tieba tal ghażiż u bil bosta devôt Poplu Malti. B'din ix-xeŭka, nisgurac minn kieħ kalbi li incunu nafuhulcom, fil ŭakt li, bil kima collha,

nghodd-ruħi
*Canôncu Frangiscu Soldini,*
President.

Mil Lucerna tal Ħajja.—56. Chif il fergha ma tatix frott, mifruda mid-dielja; hecc aħna ma icollniex mêrti, mifrudin minn Cristu.

# Ma dûar il Gżira.

Niżżu-ħajr lill *Malta Art Amateur Association*, li ghoġobha tistedinna ghall Ŭirja li sejjra icollha haŭn il Belt, Strada Mezzodì, numru 28, minn nhar is-sibt li gej sad-29 ta dan ix-xahar. Il Ŭirja tcun miftuħa cull jum, mil ghaxra sa nofs in-nhar u mis-saghtejn sa nżul ix-xemx, barra minn nhar is-sibt, li tiftaħ mill'erbgha sa nżul ix-xemx biss. Ma nibkghux ma 'mmorrux nitghaxxku bix-xoghlijet tal aħjar *Artisti* u Dilettanti taghna.

—Niżżu-ħajr ucoll lid-Direttur tal *Juventutis Domus*, li stedinna ghall Cunferenza u il festi l'oħra li saru ilbieraħ tl'ura, ghall'Anniversarju tal ftuħ ta dac iċ-Circlu. Ma stajniex immorru, imma nafu li irnexxeŭ tajjeb ghall'aħħar.

—Nhar it-tnejn li gejja, taħbat il festa ta San Flippu Neri, li, haŭn il Belt, issir fil Cnisja tal *Vitorja*. Niżżu-ħajr lil min ghoġbu jibghatilna l'*Avviż Sagru* taħħa u nirriccmandaŭ aħna ucoll lill Fratelli ta dic l'antica Arciconfraternita u lid-Devoti collha tal Cbir Appostlu ta Ruma li ma jonksux, l'actar ghat-Tkarbina, li tcun fis-sitta u nofs ta filghodu, b'*Fervurin* tar-Reverendu Patri Cunventŭali Carmelu Formosa.

—Żeŭġ ti ħbieb chitbulna mil Canada biex ifaħħru it-tnejn l'imgiba sabiħa ma ħutu il Maltin tas-Sur *James L. Bonnici*, li tħadditna fuku fil *Ħabib* actar minn darba; u żeŭġ ti ħbieb oħra chitbulna minn Bormla biex ifaħħru is Sur Mast Paŭlu Vella, scular tal Professur Vassall u tas-Sur Abdilla, li raġa ħa Diploma ieħor fil Concors tal Mużica miftuħ mid-Ditta Belati. Ma ngibux daŭn l'ittri (erbgha), ghax inzertajna mghobbijin ŭisk, bħalma taraŭ haŭn b'ghajnejcom: imma nifirħu lis-Sur Bonnici u lis-Sur Vella fl'isem taghna u f'ta daŭc li chitbulna dac il cliem sabiħ fukhom.

## Circolu tal Unjoni Cattolica.

AĦBARIJET.

Nhar il gimgha li gejja, fis-7 u nofs ta fil-ghaxija, id-Direttur tal *Ħabib* jaghmel *Lettura* bil Malti fuk Venezja, fejn juri 67 *lastra* mill'isbaħ. Ħlas bħas-sôltu.

Nhar il ħadd li gej, fil 11 ta fil-ghodu, il Professur Dun Carm Psaila jaghmel *Lettura Scientifica* ghall'Imsieħbin biss.

# Chitbulna:—

I.

(Mit-Taljan maklub bil Malti).

«Emminni, Sur Ġużè, ma nistax nifhimhom iżjed... tas-seŭ li *iħobbu il pajjiżhom chif jakblilhom*, bħalma ghedtilhom int; u tas-seŭ ucoll li *tilfu rashom*, bħalma ighid *Dun Manŭel* ghal hbieb oħra!

«Ma-dan-collu, *ħbieb* collha: biċċa contra ir-Religjon u biċċa contra il Poplu! Ghax min ma iridx il lsien Malti mxerred kalb il Poplu, jibghod il Poplu!

«Ŭieħed ighid: «L'Ingliż iva, ghax ghandna bżonnu; imma il Malti nekirduħ ghalcollox.» U ieħor, iŭiegeb, ŭara 24 siegha, f'li stess gażetta: «Tajjeb ŭisk chiecu icollna cotba bil Malti bħalma li Skallin ghandhom b'li Skalli... »

«Eħ, li chellna cotba bil Malti daks chemm li Skallin ghandhom b'li Skalli! Li conna ilna nghożżu il lsien taghna daks chemm ilhom ighożżuħ huma! Chiecu ma fadalx imgienen li ighidu li il Malti m'hux ilsien fiħ in-nifsu!

«Ma ncunux boloħ, f'gieħ Alla l'imbierec! Iva: iħobbu it-Taljan, iħobbuħ b'kalbna collha: u nakbżu ghaliħ, u ma nħallux min icasbarhulna, u nitħabtu chemm nifilħu biex katt ma jinkered minn haŭn, ghax hu il lsien tal *educazzjoni taghna*: u biħ nuru

x'aħna u min aħna. U, *barra mil ġlied fil gażetti*, naraŭ naghmlux xi ħaġa ghaliħ, biex infittxu nifduħ mil jasar tal ghedeŭŭa tieghu. Mita nitilfu it-Taljan, incunu tlifna collox! Imma, biex inħobbu it-Taljan, m'hemmx bżonn naghmlu bl'icraħ ghall Malti, li hu ta fejda cbira ghall Poplu, bħalma it-Taljan hu ta fejda cbira *ghalina il letterati!* Il Professur Capŭana, li hu ŭieħed mill'akŭa chittieba tal Italja, ma staħax jicteb ghal li Skallin b'li Skalli! U il Poplu Malti ghandu bżonn min jictiblu bil lsien tieghu actar mil Poplu Skalli, ghax il Malti actar hu fil bghid mit-Taljan milli hu li Skalli!

«Eħ, xi dnub ghamel dac li kâl: «L'Ingliż iva, ghax ghandna bżonnu; imma il Malti nekirduħ ghal collox!» L'Ingliż ghandna bżonnu bħal bicċa ghodda: u jecc ghandu bżonnu il bidŭi li irid imur jaħdem irraba tal Californja, ma jaħtieġu xejn il bidŭi li irid jibka jaħdem ir-raba ta Bugharrat u tal Makluba: imma il Malti hu il *Manna* tal Poplu collu, biex jiftaħ ghajnejħ, u jara x'kieghed isir ma dŭaru, u min huma il ħbieb u l'eghdeŭŭa ta ruħu u ta gismu, u x'in huma id-drittijet u id-dmirijet tieghu. Biex jixtarr tajjeb x'in huma jaghmlu biħ u ghaliħ daŭc li jafu ħafna bit-Taljan, bl'Ingliż u b'ilsna oħra!

«Mela, nħobbu dejjem it-Taljan, bħal bicċa minn kalbna, bħall bandiera taghna; u nitghallmu ucoll l'Ingliż, biex ninkdeŭ biħ bħala ghodda: imma, biex il Poplu jista jifhem dan, nifthulu ghajnejħ bil Malti!

FRA........

II

IL MALTIN TAL CALIFORNIA.

«L'aħbar li il Maltin tal Californja sejjrin ighakkdu *Xirca ghall ghajnuna ta Xulxin*, ixxerdet ma Malta bħal leħħa ta berka, u imliet fomm cullħadd bi cliem tal icbar foħrija u gieħ ghal daŭc il bravi Maltin.

«Bravi tas-seŭ. B'dan il môd itejjbu li stât taħħom, b'dan il môd joctru fil ghadd, fil gid u f'cull ma jista saħħa u hena jatihom; b'dan il môd jistghu jitghallmu, u ighallmu l'uliedhom biex ma jinżlux katt iżjed baxx minn ulied ħaddieħor.

«Nittamaŭ li, f'kasir żmien, nisimghu li li stess ghamlu il Maltin ta nħaŭi oħra.

«Aħna il Maltin illum collna ħaġa ŭaħda, kalbna tħabbat b'nirien ta mħabba ghal xulxin u ghal gaŭhra ta gżira li ratna nitŭieldu. Katt bħal din id-darba ma conna hecc marbuta bi ħsieb ŭieħed: dac li nghinu il xulxin.

«Min jaf hix vera il profezija li *żmien il Maltin ghadu ma ŭasalx*.

«Il Maltin ma jistax icun li jispiċċaŭ. Min ghandu kalbu sâfja bħal taħħom, min katt ma jitkankal ħlief biex jaghmel il gid lill proxxmu bħalhom, min hu lest dejjem biex, bi tbissima l'actar ħelŭa fuk xoftejħ, jobdi l'ordnijet tal Capijet tieghu, ma jista katt imut; l'isem ta Poplu li ma jafx x'jigifieri anarchija ma jistax icun imħassar mil li Storja ta din id-dinja.

«Is-Sinjur Malti, mghejjun mid-dehen li tatiħ li Scola, ma jaghmilx illum ħlief iħabbel moħħu u jara chif jista mill'aħjar jarfa il fkir mil miżèrja u dlam li jinsab fiħ. Il fkir, mil banda l'oħra, ma ghadux fil ghâma ta dari, sar jaf li dac li jaghmel il bniedem ta li scola jista icunlu ta gid icbar minn dac li jista jaghmel hu ghaliħ in-nifsu: ghalhecc intelak f'idejħ b'ruħu u gismu.

«Spiċċat li sfiducja lejn xulxin u b'hecc nittamaŭ li dac li ma satax isir f'mijet ta snin, jirnexxilna naghmluħ ma ndumux.

G. X.»

III.

TIFCHIRA GHAŻIŻA FOST L'GHEŻIEŻ.

«Dan hu ir-risultat tal Cungress Eŭcaristicu, li ħa lôc mit-22 sas-27 t'April 1913. Xejn ankas, miż-żeŭġ *Memorji* l'oħra li jitŭieldu u ighixu ma cull bniedem Malti. Bosta huma il *Memorji* li insibu fil paġni ta li Storja taghna. Imma, ebda ŭaħda minnhom ma tisbok lil daŭn it-tlieta.

«*Religion u Patrja*,»

hecc bdeŭ ighajjtu l'Antenati taghna fis-Seclu Hmistax u b'hecc ghamlu Vittorja fil ġurnata tas-Sebgha ta Settembru 1565. Mhux Religjon biss! U ankas Patrja ŭieħida! Imma it-tnejn flimchien (*Religjon u Patrja*). Il ghaliex? Ghaliex dan chien it-taghlim li l'Appostlu tal *Verità Infallibbli* San Paŭl ghallem fis-sena 58, fil Għira taghna. (Taghlim li xejn ma jakbel ma tal Appostli il ġodda. Taghlim *ideali*: ħobb ll'Alla geŭŭa kalbec....) Hux!!

«Piju Ghaxra, ŭara li mexxa sollennement 23 Cungress Eŭcaristicu fl'acbar Bliet taddinja, jilmaħ lill Malta li ghalchemm hi ċchejcna fid-daŭra taħħa, però ma taghmilx ghajb f'li Storja lin-Nazzionijet l'oħra fit-triek taċ-Civiltà Cattolica. Ghalhecc ghażilna sabiex aħna ucoll nieħdu sehem fit-trijonfi li kieghda taghmel il Cnisja Cattolica.

«Piju Ghaxra, li, ghall'Imħabba tal Cnisja, xejn ma raha cbira jirrendi ruħu *Prigjunir* geŭŭa il Vatican, ghaliex collu kdusija ried isir jixbaħ lill Gesù, fiħ in-nifsu *Prigjunier* ghall'Imħabba fit-Tabernaclu tal Artal.

«Piju Ghaxra ried icun sabiex Malta, bl'opra tieghu, tacqŭista *Memorja* oħra, li hi ŭisk denja, biex biha tcompli ticber f'li Storja taħħa.

«Tifchira ghażiża fost l'gheżież.

«Frattant, Sur Direttur, irrid noffrilec minn kalbi il *Prosit*: u *Prosit* tas-seŭ! Ghaliex gharaftu tesegŭixxu collha chemm huma il ġranet tal Cungress, u f'li stess ħin nitolboc ucoll li tirrendiħ bir-rispett lill Membri l'oħra tal Cnmitat. Irrid, imbaghd, infaħħar ferm il *Habib* tat-22 t'April, li, minghajr ebda eccezzjoni, chien l'aħjar ŭieħed li ħareġ ghall Cungress. G. DI G.NNI.

IV.

Sur Direttur, nitolboc a nom tal Cumitat imŭakkaf ghall Festi taċ-Centinarju Costantinjan, li tippublica fil ġurnal il *Habib*—iddeciżjoni li ħadet l'Arciconfraternita tas-SS. Crocefiss ta haŭn il Belt.

L'Associazjoni Primarja tas-Salib, imŭakkfa f'Ruma, ifformat l'idea li, billi din issena jaħbat seŭŭ-seŭ is-16 Centinarju tal Libertà tal Cnisja, moghtija mill'Imperatur Costantinu per mezz tas-Salib li chien deherlu, jiġu celebrati festi cbar u centinarji ad unur tas-Salib; u il maħbub Papa Piju Ghaxra, appena giet proposta Lilu ix-xeŭka ta dic l'Associazjoni, tant ghoġbitu l'idea, li bla telf ta żmien ifforma Comitat specjali, compost mill'icbar nies ta Ruma, biex dan iċ-Centinarju jiġi iffesteggjat chif jixraklu.

L'Arciconfraternita tas-S.S Crocefiss ta haŭn il Belt, li hi ħierġa bħala fergha minnha, ħasbet li haŭn Malta hu dmir taħħa li tieħu ucoll l'inizzjativa biex f'circustanza simili ma tibkax l'ura, anzi nissuperaŭ jecc jisia icun pajjiż oħra.

Ghalhecc, bil contentizza tal Aŭtorità Ecclesiastica, li lakghet ucoll bil pjacir din il proposta, chemm ucoll tar-Reverendi Religjusi tal *Frati Minuri*, fejn l'Arciconfraternita tinsab imŭakkfa, ifformat Comitat specjali biex jistudja il mod u jieħu il passi necessarji ghaċ-Centinarju.

Il Festa giet stabilita ghall'14 ta Settembru li gej, ġurnata iddedicata lill'Esaltazzjoni tas-Salib, u tcun preceduta minn Tridu sollenni, tali li jifformaŭ ħames ti jem festi, oltri il ġranet ta preparazzjoni li fihom isiru discorsi specjali f'certi Cnejjes, biex il pubblicu icun jista jifhem l'importanza ta daŭn il festi u jipprepara ruħu bi cbira devozzjoni, bħalma hia xeŭka tal maħbub Papa, li appuntu ghal din l'occażjoni chien tant ħanin maghna li fetħilna it-teżori tal Indulgenzi bil Gjubileŭ li tâna. U biex Malta ma tibkax inferjuri ghall'ebda pajjiż ieħor, anzi tuniforma ruħha ma Ommha Ruma, il Comitat ad imitazjoni tal Accademja li saret f'*San Giovanni in Laterano*, stabilixxa li il Festi jiġu inaŭgurati b'sollenni Accademja letterarja u mużicali fil Cnisja ta Santa Marija ta Gesù, gentilment concessa mir-R.R. Patrijet Frangiscani, li il Comitat ma isibx cliem biex ifaħħarhom u jirringrazzjahom chif imisshom ghall maniera li kieghdin jiccôôperaŭ ruħhom biex dana iċ-Centinarju jirnexxi chif jixraklu ghall glorja tal Cnisja. Ghalhecc ghal issa il Cumitat ma jistax jippublica il programm tal festi ħaġa b'ħaġa, però hua dmir tieghu li jaghmel APPELL lill Maltin collha biex jiccôôperaŭ ruħhom chemm jistghu ghall'occażjoni simili u Malta tcun tista iżżid gemma oħra prezzjusa fil curuna li kieghdulha fuk rasha il frustieri fl'occażjoni tal Cungress Eŭcaristicu.

SAC. G. FRANCALANZA,
*Segretarju tal Comitat*
*ghaċ-Centenarju Constantinjan*

IL MEŬT NISRANIJA

## tal Cbir Chimicu Ġampatist Dumâs.

(*Jissocta mal ghadd 64*)

Żaghżuħ, mâr jifli b'rekka cbira certu melħ, specjalment *is-sulfati*, u chixef li l'ilma maghkud (bħal żġieġ) jinsab hemm f'li stess gradi. Chienet bxara gŭappa ghall Ghorrief, li kablet seŭŭa-seŭ ma li studji tal gharef Berzelius, li Dumâs chien ghadu ma jafux. (Berzelius chien svidiż, Chimicu cbir). Sâb, imbaghd, il ghakda ta numru cbir ta sustanzi *semplici* u *composti* (*uħudhom u imħalltin*) u il ghamla ta dac li minnu l'eŭŭel nett isir il *Jodju*. Flimchien ma Prevost, fila l'eŭŭel darba id-demm u lemaħ li dana jista ighaddi minn banda ghal oħra, li jista jittieħed. Ta ghoxrin sena, chixef dan collu; u biddel il ghodod tal Chimica f'daŭc li illum jużaŭ it-Tobba.

Ghamel tiftix ieħor fuk id-demm, fuk il ħalib, fuk ix-xaħam, fuk ix-xama li isir minnaħal, fuk chif jiffirminta li spirtu, fuk li spirtu tal injam, fuk l'arja, fuk l'ilma, fuk l'*acidu-carbonicu*, bosta ħŭejjeġ oħra li kablu ma chien jaf bihom ħadd. Fl'aħħar snin ta ħajjtu, ħadem bil bosta biex isib chif iŭakkaf it-tixrid tal filossera bis-*solfu-carbunat tal potassju* u jekridha. (Il *Filossera* hu dac iddudu li jaghmel ħsara cbira fid-dŭieli).

Fil chitba tieghu ħadha contra il materialiżmu, ŭira bil fatti chif il veru gherf ma jista icun katt ghadu, iżda minnu in-nifsu ħabib tal Fidi, billi il ŭaħda u l'oħra gejjin mil li stess verità eterna u essenzjali, u li katt ma titbiddel. Cattolicu f'ruħu, gharef jaghleb ir-rispetti umani, u deher f'occażjonijet sullenni dac li chien. F'discors li ghamel fl'Accademja franciża, mita giè milkuħ Socju, kâl daŭn il chelmtejn tas-seŭ sbieħ:

«Ghall ghamil tal Cristianeżmu, id-Dritt ma ċaħħadx is-saltna tieghu kuddiem il kaŭŭa (forza); il ħakk giè imxerred fuk il bniedmin collha, it-tiubija ma ghandhiex tħares lejn il culur tal bniedmin, il Libertà ŭakkfet il bniedem imġarraf, il bniedem l'ictar baxx giè mghejjun u imsabbar fil hemm tieghu min-nisel divin tieghu, u l'ictar bniedem ghageb cbir ħass li ghandu iŭiegeb ll'Alla l'imbierec.»

Barra minn dan collu, xejn ma chien minfuħ biħ in-nifsu; ħalla mictub ucoll dan li gej, biex juri iċ-ċocon tal gherf ta din id-dinja:

«Nagharfu aħna in-natura tal forzi li ir-

regulaŭ il mixi tal cŭiecheb? Le. Nagharfu aħna in-natura tal bidu tal ħajja? L'ankas. X'differenza, immela, tghaddi bejn il gharef u l'injurant? L'injurant bla ma ikîsha xejn jiċħad collox, il gharef ghandu il jedd u il ħila jemmen collox.»

Dana l'imsemmi Chimicu telak lejn Cannes biex ibiddel l'arja u hemm resak lejn il meŭt.

(*Jissocta*) DUN PIER BATTISTA AGIUS,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma*—Il Papa raġa ħa saħħtu ghal-collox. Bida jati l'*Udienzi* u diġà ircieva il Missjoni li chien baghat Malta ghall Cungress Eŭcaristicu mal Cardinal Ferrata: taha *Udienza* ta siegha u nofs, u ŭira-ruħu bil bosta cuntent u imfarraġ b'chif irnexxa il Cungress taghna.

*Il Lvant*—Jecc xejn ma jinkala mil ġdid, il paci ma iddumx ma tcun mghakkda, issa li il qŭistjoni tal Albanija giet ghall mument irranġata.—Scutari, li hi il belt capitali, fil 15 tax-xahar giet occupata min-nies tal flotti internazzjonali taħt il presidenza tal Vici-Armirall ingliż Cecil Burney. Il poplu lakaħhom bil ferħ, u is-Suldati toroc diġà chienu telku minn hemm, fuk vapuri, kabel li sbarc tat-truppi internazzjonali. Chien hemm ħruk cbir, li ghar-riħ li chien jonfoħ u ghan-nukkas tal ilma ixxerred bosta u ghamel ħsara cbira.

—Il Grieghi chellhom x'jaksmu mal Bulgari, ghaliex daŭna ippretendeŭ li l'oħrajn chienu kieghdin ftit-ftit joccupaŭ l'artijet taħħom.—Ghaldakstant ghamlu in-nar fuk xulxin u chien hemm bosta mejjtin u feruti mil banda il ŭaħda u l'oħra:issa donnhom ftehmu.

—L'Aŭstrja occupat Adakaleh, gżira fid-Danubju, u dana il fatt jista icun caŭża ta taħŭid ġdid.—Tarġa l'Aŭstrja m'hix sa barra cuntenta bil condizzjonijet tal paci li hemm lesti: u ghalhecc ma baghtetx ħlief it-tlieta ŭaħda tar-Riserva.—Franza ucoll hi immeżmża ghall ftehim li kieghed isir mit-Turchija mal Inghilterra u mal Germanja.—Ghalhecc nghidu li, ŭara il Lvant, ma jistax icun li ma jibkax in-nar taħt ir-rmied.

*Inghilterra*—Is-Suffragisti ħâdu, jeŭ aħjar taŭhom, riħ ŭisk. Cull-jum nakraŭ xi ħaġa ġdida. F'Londra insabu l'haŭn u l'hinn mixħutin bombi, li setghu jaghmlu ħsara cbira. Id-Direttur tal Ferruvija ta Midland ircieva ittra *anonima* biex tgharrfu li is-Suffragisti chellhom joħorġu it-tren mil linji; u min jaf chemm s'issa mietu, chiecu il Pulizija ma ghassetx tajjeb. Huma f'Nottengham ħarku depositu bi ħsara ta £2000. F'Dublin ghamlu *dimostrazzjoni* u chissru iż-żgieġ ta sitt mit ħanut. Il Pulizija arrestat xi ŭaħdiet minnhom, li ġà huma lesti ghall Gjurì, ghalchemm taŭhom il libertà taħt garanzija kaŭŭija.

Ir-Re ghażel id-Duca ta Cannought bi President tal ghakda tal *Boy Scouts*. Il President ta Franza fi ħsiebu irodd iż-żjara f'Ottubru—u imbghad iżur is-Slaten tal Eŭropa.

*Franza*—Alfonsu, Re ta Spanja, chellu lakgha cbira f'Parigi. Chien hemm biża cbir ghal xi attentat mill'Anarchici: u billi il Pulizija ħâdet xi passi, saru bosta dimostrazzjonijet u insolenzi contra taħħa. Saru bosta arresti u chienu iccundannati minn xahrejn sa sitt xhur.

*Portugall*—Manŭel, li chien Re tal Portugall (meta chien żghir giè Malta), tgharras mal Principissa Aŭgusta Valerja Hohenzollern. Hu chellu imur ghat-tieġ tal Principissa Lŭiża, bint l'Imperatur tal Germanja: iżda il Ministru tal Portugall ghemghem bosta, u l'Imperatur iddecida li Manŭel, billi chien Re tal Portugall, ma jieħux sehem fit-tieġ.

*Manilla*—F'Manilla chien hemm tifŭn (*riħ ta'l biża*) l'actar terribbli f'daŭn l'aħħar ġranet: gherku bosta bastimenti u mietu ħamsin ruħ.

L. M. C. G.

## Minn haûn u minn hinn.

I. Chellna Protestanti li, ŭakt il Procesjoni tas-Santissimu, fil Cungress, neħħeŭ il cappell u kaghdu ghar-rcopptejhom — chellna ucoll nies mghoddija bħala indifferenti fir-Religjon li bcheŭ ŭakt il benedizzjoni.

II. L'eŭŭel cometa ta din is-sena giet micxufa minn M. Schaumasse, f'Nizza.

III. Il Benedizzjoni tal Baħar.— F'Jannar, 1912, ħafna mil gżejjer fis-Sud America ghâbu.

Fil 31 ta li stess xahar meŭġa chienet rieska fuk il gżira ta Zŭinaco.

Il Poplu gira ghand il Cappillan biex jatiħ l'aħħar barca.

Il Cappillan mar il Cnisja, ħareġ is-SANTISSIMU u bida ibierec il baħar; 15 il pied krib minn riġlejn il Cappillan, il muntanja tal ilma li chienet gejja niżlet u ghabet f'dakka. Daŭn fatti, li ġraŭ is-sena l'oħra.

IV. F'*San Paŭl,* Cnisja Protestanta tal Inghilterra, sâbu bomba: issoponeŭ li chienet xi ħaġa tas-Suffragisti.

V. Il Protestanti jaghmlu Cungressi ucoll, mhux Eŭcaristici, jigifieri bis-Santissimu: iżda isiru discorsi fuk collox. Meta f'xi gażetta takraŭ *Malta Cungress* ghidu li mhux ghal taghna riedu jictbu fihom, ghax il Cungress taghna il *Cattolici* ghandu l'isem nobbli ta Eŭcaristicu u ma nisthux nghidulu: *The Malta Eucharistic Cungress.*

VI. Dejjem f'cull pajjiż issib nies li iħobbu ixerrdu xi xniegha ghad-deni tar-Religjon u tal Pajjiż. Haġa ŭaħda nghid: Alla katt ma kâl: *Jecc ma taghmilx hecc u hecc, tigic disgrazzja.* F'xi *Talba,* jeŭ *Preghiera,* li xerrdu haŭn il Protestanti, issibu daŭn il ħmerijet, imma katt u katt fit-*Talb,* jeŭ *Preghieri,* tal Cnisja Cattolica.

VII. Is-Sur Charles Habhouse, fil Cnisja Metodista, tal Lvant ta Bristol, kâl li in-nukkas ta Minisri fil Cnisja Ingliża hu sinjal icraħ biż-żejjed ghal daŭc li ghandhom is-Setgha.

VIII. F'Dublin, belt tal Irlanda Cattolica, il Pulizija kabdet carettun li fuku chien hemm mictub: Kabel ma tictbu Suldati fl'armata Ingliża, staksu ghax ħafna jaħarbu? Staksu ghala ħafna li chienu Suldati imutu fid-*Djar tal fkar?* Staksu ghala ħafna joktlu ruħhom b'idejhom ?....

IX. Is-Suprastanti (*managers*) tat-teatri ta Londra m'humiex tal fehma li ghandu icun hemm is-sensja ghat-tipjip fit-teatri.

X. It-Tedeschi (jeŭ Germaniżi, ghax hu li stess) ghamlu ballun tal ajru jismu *Sachseu.* Jaghmel 155 chilometru f'siegha u 50 minuta, b'erbatax il passiggier. Tŭil 71 kasba u fiħ b'collox ghaxar t'elef kasba *cŭbi.*

A. A.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

Nhar il Hadd, 11 ta Mejju, f'dan it-Teatrin giè irrappresentat mill'imfaħħra Cumpanija *Concordia* id-Dramm fi tliet atti *Il Laghab Halljel,* miġjub bil Malti minn G. Cumbo.

Hua Dramm socjali u ghalhecc ħa pjacir biħ cullħadd, ghaliex donnoc kieghed tara fatt minn daŭc li spiss isiru fid-dinja; barra minn dan hua Dramm li iħalli ŭarajħ lezzjoni sabiħa, chemm cioè ghandu il ħila jaghmel ħażen il bniedem laghab.

Natu *prosit* lis-Sur G. Mercieca (*Alfonsu*), lis-Sur A. Argento (*Ernestu*), lis-Sur C. Camilleri (*Gjulju*) u lis-Sur O. Cumbo (*Elvira*), ghaliex chellhom l'icbar parti u ħadmuha tajjeb tas-seŭ u cullħadd ħabbtilhom idejħ. Natu ucoll *prosit* lis-Sinjuri G. u P. Dimech, lis-Sur S. Cachia u lis-Sur D. Gasan, ghaliex huma ucoll fil parti secondarja ta *Ettore Valenti,* tal *Ispettur,* ta *Carlu* u ta *Maŭrizju,* marru tajjeb.

Iżda ma 'rridux inħallu fil genb il bravi dilettanti tal Orchestra, li semmghuna bċejjeċ maghżulin u b'ħafna preċiżjoni. Daŭn kieghdin iżidu ħafna fid-divertiment xierak u sabiħ tat-Teatrin. *Prosit,* mela, lil cullħadd.

VERAX.

## Il Hakk tad-dinja!

Chemm chien gharef dac li saŭŭrec,
U ta mara tàc ix-xbiha:
B'ghajnejc ghamlec imghottija,
Tâc f'idejc sejf u miżien:
Hecc chif nilmħec impingija,
Ill' infissrec nixtiek jen.

Ghamlec mara, ghax jaf tajjeb
Chemm iddur fil fehma taħħa;
Tiha 'l fruha, 'l din tirbaħħa,
U icraħ lejc ma tħares katt:
Tcun imcasbar, inħabb maħħa,
Turic safi ma cullħadd.

Ghaliex dan ghajnejc ghattielec,
La 'l ŭidnejc ħalla miftuħa
Sabiex tisma 'l min mirbuħa,
M'ghandecx tħalli mil ħtijet?
Minn tant saħħa issir mitruħa,
Tibdel f'xemx id-dlamijet!

Ghidli ftit, ghaliex iżżommu
Is-sejf fl'id il-lemenija?
Dan jaf x'jisŭa min, bla ħtija,
Int lil gieħu biħ ferejt:
Tkieghed lilu fit-tbatija,
Minn f'lôc ieħor li ghożżejt.

Tal miżien li biħ tinkeda
F'cheffa ŭaħda 'l ħati turi;
Jecc l'użin, icun' unuri
Jibka dritt, sgur ma imil katt:
Biss it-tokol dan fis juri
Jecc xi 'msejchen fiħ jintradd.

Jen hecc fhimtec: chif xort' oħra,
La mil bniedem immexxija?
F'kalbu dan igib il ħtija
Li jassritu ghall gibdiet:
Biss tcun f'ŭaktec xħin moghtija
Inti tigi mis-Smeŭŭiet!

NICOLA CAMILLERI.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA.

*L'eŭŭel* isaccar:
l'*oħra* fost ħutha
tibda—u tispiċċa
dejjem *misħuta.*
*Collha* fil bliet
hi b'żeŭġ saltniet.

S. S.

It-tŭiegiba tal aħħar LOGHBA chienet:

17
45
36
———
98
2
———
100

Giebuha tajjeb: mil Belt, ir-Rev. G. G. u is-Sinjuri *Bunfus* u J. Podestà—mil Birgu, is-Sur Saverinu Cachia—u minn Ghaŭdex (in-*Nadur*) is-Sur G. Cauchi.

Iżda, ghandna nghidu li xi uħud (fosthom is-Sur Podestà) b'daŭc id-disa numri, imkassmin f'ħafna *ghadd,* giebu il *mija* sitt darbiet jeŭ sebgha. Gejna ucoll nafu li ŭieħed mill'aħjar Surmastrijet tal *Liceo* inkeda bil *Loghba* tal *Habib* biex ighallem lill li Sculari tieghu b'chemm il *somma* daŭc id-disa' numri jistghu jaghmlu il *mija*: u niżżuħ-ħajr tal onur li ghamlilna. Taraŭ li il *Moghdija taż-żmien taghna* m'hix moghdija taż-żmien fil fieraħ!